MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 2519/1997/1

**George u Olivia konjugi Delia u b'digriet tad-19 ta' Ottubru, 1998 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Olivia, Christian, u Stephen mart u ulied George Delia li miet fil-mori tal-kawza u b'digriet tas-16/5/2007 kunjom Olivia gie mibdul ghal Bartoli stante z-zwieg taghha.**

**vs**

**Joseph Pace**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Premess illi l-konvenut nomine iffirma u accetta a favur ta' l-atturi kambjala tal-valur ta' sitta u erbghin elf lira Maltin (Lm46,000), datata 14 ta' Ottubru 1994; (kopja tal-kambjala annessa u markata Dok. 'A';

Premess illi l-konvenut nomine ghamel pagamenti akkont konsistenti t'erbat elef lira Maltin (Lm4,000) b'cekk f'Jannar 1995, erbat elef lira Maltin (Lm4,000) b'cekk f'Mejju 1995, u erbat elef lira Maltin (Lm4,000) f'kontanti; illi cekk iehor ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) f'Settembru 1995 ma giex accettat mill-banek u dwar l-istess cekk qeghdin jittiehdu passi ghal frodi; b'dan illi l-pagamenti akkont jammontaw ghal tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000);

Premess illi l-kambjala fuq citata u ghal ragunijiet ohra validi fil-ligi saret pagabbli u dovuta fil-15 ta' Ottubru 1995, u ghalhekk wara l-hlas tal-pagamenti akkont effettwati kif fuq spjegat, il-konvenut nomine huwa debitur ta' l-atturi fil-bilanc rimanenti ta' erbgha u tletin elf lira Maltin (Lm34,000) fuq il-kambjala fuq citata (Dok. 'A');

Premess illi ghalkemm il-konvenut nomine gie interpellat diversi drabi biex ihallas, dan baqa' inadempjenti;

Premess illi l-kreditu huwa cert, likwidu u skadut u l-atturi kkonfermaw il-kreditu b'affidavit (Dok. 'B') a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u li fil-fehma taghhom il-konvenut nomine m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Jghid ghalhekk il-konvenut nomine ghaliex m'ghandiex din il-qorti:

1. tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smigh u bl-abbrevjazzjoni tat-termini a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-atturi l-bilanc rimanenti ta' erbgha u tletin elf lira Maltin

(Lm34,000), tal-kambjala fuq citata (Dok. 'A') minnu iffirmata u accettata;

3. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-atturi l-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli fuq il-bilanc rimanenti ta' l-ammont intier mid-data ta'l-iskadenza tal-pagament u cioe' mill-15 ta' Ottubru 1995, sad-data tal-pagament effettiv, u dan skond il-kundizzjonijiet u pattijiet miftiehma bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi.

Il-konvenut nomine ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine** a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt billi l-kambjala li tifforma l-qofol ta' l-azzjoni odjerna hija nulla skond l-artikolu 123 tal-Kodici Kummercjali billi dina ma gietx iffirmata minn min gibidha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tat-2 ta' Ottubru 2001 fejn gie dikjarat li minghajr pregudizzju ghal kull dritt iehor skond il-ligi, l-atturi bhala ulied George Delia kienu se jiffirmaw l-original tal-kambjala fil-pussess taghhom u li ghandha tigi ezibita.

Rat il-verbal tal-15 ta' April 2002 fejn giet prezentata l-kambjala ratifikata ghand in-Nutar. (Dok a fol 61).

Rat id-digriet tat-28 ta' Mejju 2003 li bih giet korreggjuta c-citazzjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Lulju 2006 a fol. 87;

Rat in-noti tal-partijiet

**KONTESTAZZJONI**

L-atturi qed jitolbu s-somma bilancjali ta’ Lm34,000 minghand il-konvenut dovuti skond skrittura privata (fol. 34) u kambjala (fol. 5 u 61 a tergo) ghall-istess ammont, xhieda ta’ dina l-obbligazzjoni.

L-atturi jirritjenu li apparti l-eccezzjoni tal-konvenut dwar nullita’ tal-kambjala ghax kinitx iffirmata minn min gibidha, hemm l-iskrittura li tipprova li d-dejn gie rikonoxxut.

L-atturi jissottomettu li fil-mori tal-kawza l-kambjala giet ratifikata u ffirmata, u anke jekk ghal grazzja tal-argument il-kambjala kellha tigi dikjara invalida, din dejjem setghet tigi sostnuta bhala obbligazzjoni semplici kif jirrizulta mill-iskrittura ffirmata mill-konvenut. L-atturi jghidu wkoll li l-konvenut irrikonoxxa dina l-obbligazzjoni tant li ghamel pagamenti akkont.

Min naha l-ohra l-konvenut wiegeb li ghalkemm il-kambjala giet iffirmata minnu personalment, dina saret minnu bhala garanti ghall obbligazzjoni principali fuq l-iskrittura fejn f’dina huwa deher ghan nom tal-kumpanija S.A.N.S. Limited. Hu jikkontendi li l-kambjala hija invalida ghax mhiex iffirmata minn min gibidha u ghalhekk l-atturi ma jistghux ifittxu lilu personalment fuq l-iskrittura. Il-konvenut ikkontesta wkoll ir-ratifika tal-kambjala li saret fil-mori tal-kawza.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar il-validita’ tal-kambjala, hi fehma ta’ dina l-Qorti, li fuq l-iskorta ta’ sentenzi recentí tal-Qorti ta’ l-Appell, fosthom J. Giordmaina et vs J. Pace et deciza fis-7 ta’ Lulju 2006, (kopja ezibita) il-kambjala in kwistjoni ghandha tigi kunsidrata bhala valida billi ma kien hemm xejn irregolari meta l-kambjala giet kompletata billi giet iffirmata fil-kors tal-kawza u n-nullita’ eccepita giet sanata, anke bl-applikazzjoni tal-principju tal *jus superveniens*. (ara r-ragunijiet moghtija fis-sentenza tal-Prim Istanza fl-istess sentenza Giordmaina vs Pace).

Pero' anke jekk il-kambjala ma kellhiex tigi hekk accettata bhala valida, din dejjem setghet tigi accettata bhala prova ta' obbligazzjoni semplici u dana wara l-verifika dwar l-obbligazzjoni li tkun tat lok ghal-hrug tal-kambjala.

Fil-kaz in ezami l-atturi mhux qed jitolbu l-flus biss a bazi tal-kambjala fuq citata imma anke "ghal ragunijiet ohra validi fil-ligi", u hawn tidhol l-iskrittura fejn il-konvenut ikkostitiwxxa ruhhu  cert u likwidu debitur.

Il-konvenut pero' qed jikkontendi li hu deher fuq l-iskrittura fejn inholqot l-obbligazzjoni ghan-nom ta' kumpanija S.A.N.S. Ltd u mhux personalment.

F'dan il-kaz kienet xehdet Annalise Chircop (ara fol. 53) bhala *desk officer* fir-Registry tal-Partnerships u qalet li skond ir-*records* taghhom ma hemm ebda kumpanija bl-isem ta' S.A.N.S.

Il-konvenut Joseph Pace xehed (ara fol. 64) u qal li hu m'ghandux kumpanija bl-isem S.A.N.S. Ltd  u li dak in nhar ta' l-iskrittura huwa kien qed jidher ghall kumpanija STG u li n-Nutar kien qallu b'dan. Hu kkonferma li l-firma fuq l-iskrittura hija tieghu u l-kambjala u l-iskrittura jirreferu ghall istess ammont.

Ir-regola generali fil-Kodici Civili (ara artikoli 999 sa 1001) hija li hu prezunt li persuna kkuntratta f'isihma sakemm ma turiex bic-car li hi kienet qedt tikkuntratta f'isem haddiehor.

Il-konvenut deher fuq l-iskrittura in kwistjoni in rappresentanza ta' kumpanija inezistenti ghalhekk hu jidhol responsabbili ghall obbligazzjoni assunta minnu personalment. (ara sentenza App D & S Lifts Ltd vs Joseph Farrugia 7 ta' Mejju 2004).

Il-konvenut ma gab ebda prova dwar l-esistenza tal-kumpanija li semma SGT li hu semma fix-xhieda tieghu. Kien l-obbligu tieghu li jipprova li hu kien qed jidher ghal dina l-kumpanija partikolari u li l-parti l-ohra gie infurmata

b’dana. Fil-kaz in ezami l-kumpanija li deher ghaliha l-konvenut kienet inezistenti.

Skond l-artikolu 78 tal-Att dwar il-Kumpaniji[1] persuna li tidher ghall kumpanija inesistenzi jew li ma gietx pruvata l-esistenza taghha hu responsabbili personalment.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut (ara fol. 24) li hu m’ghandu jaghti xejn ghax kien hallas kollox . Dan ifisser li l-konvenut qed jirrikonoxxi li dina l-obbligazzjoni tezisti imma hallas kollox. Inoltre l-atturi xehdu li tant il-konvenut irrikonoxxa li kellu jaghti li kien anke ghamel pagamenti ta’ Lm12,000. Li ma jaqblux mieghu hu li l-konvenut hallas kollox. Fil-fatt il-konvenut ma gabx provi biex juri li hu hallas il-bilanc li qed jitolbu l-atturi u ghalhekk il-Qorti qed taccetta li l-bilanc ta’ Lm34,000 ghadu dovut.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa t-talbiet attrici
U tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-bilanc rimanenti ta’ erbgha u tletin elf lira Maltin (Lm34,000) kif mitluba;
Bl-ispejjez kontra l-konvenut
Bl-imghax skond il-ligi dekorribbli fuq il-bilanc rimanenti ta’ l-ammont intier mill-15 ta’ Ottubru 1995.

**< Sentenza Finali >**

**78.** (1) All persons carrying on business or entering into agreements in the name of or on behalf of a company in respect of which a certificate of registration has not been issued under this Act, or before the date indicated in the certificate of registration as the date on which the company shall come into existence, shall, unless otherwise agreed, be personally and jointly and severally liable for their dealings with third parties entered into by them in the aforementioned capacity.

---------------------------------TMIEM---------------------------------